# Il-Ħadd 04.01.2015

1. Illum 4/01, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fis-7:00pm, fil-Museum tas-Subien, ser isir Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers tal-Parroċċa biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.
2. Il-Ħamis 8/01:
   - Ser isir Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtu' r-Rabat. Jibda b'quddiesa fid-9:30am u fis-6:30pm ikun hemm adorazzjoni u quddiesa mas-seminaristi.
   - Terġa' tibda d-duttrina fil-ħinijiet u l-ġranet tas-soltu.
3. Is-Sibt 10/01:-
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Floriana.
4. Il-Ħadd 11/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**:
5. Avviżi oħra:
   - F'isem id-Direttur u l-Istaff tad-Dar tal-Provvidenza nirringrazzjawkom tal-għotja sabiħa li għamilna bħala parroċċa li kienet € 500. Dan kollu minn ġabra waħda u diversi donazzjonijiet li baqgħu deħlin nhar l-ewwel tas-sena. Grazzi u prosit.
   - Qed jiġġedded l-abbonament ta' *Leħen is-Sewwa*, l-uniku gazzetta Kattolika f'Malta. Dan jista' jsir billi wieħed jibgħat il-ħlas ta' € 35 għall-abbonament tiegħu għal sena lil: *Leħen is-Sewwa, Istitut Kattoliku, Floriana*.
   - Lejn nofs din il-ġimgħa, ix-xbieha ta' San Pawl, bil-pedestall, mhux ser tibqa' fin-niċċa imma ser tittieħed il-Mosta sabiex jibda jsirilha l-intervent ta' restawr li hu ppjanat li jdum sal-bidu ta' Awwissu. Aktar informazzjoni fuq il-fuljett flimkien li ser jitqassam f'Jannar kif ukoll fil-website tal-parroċċa: parroccasafi.wordpress.com, li fiha wkoll xi video's b'ritratti ta' tifkira relatati mal-attivitajiet tal-Milied.
   - Nerġa' nfakkar fl-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl. Grazzi.
6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' S. Pawl. Grazzi mill-qalb.